# LOGHOBA TAT-TFAL — PASTURI

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
-MAIN LIBRARY-

migbura minn ghand
LORENZA BONNICI CALI', Tarxien

Meta kont zghira, l-aktar loghba li kont inhobb nilghab ma kienetx taz-zibeg (il-hofra), li kienet il-loghba l-aktar poplari fost il-bniet, izda kienet "il-Pasturi", loghba aktarx ta' xehta religjuza, li qatt ma kienet taqla' glied bhal taz-zibeg.

Din il-loghba kienu jiehdu sehem fiha kemm bniet, kif ukoll subien, u ma kienx hemm numru limitat ta' kemm jiehdu sehem tfal. Kien jilghabha kull minirid, basta jobdi lill-Imghallem.

L-IMGHALLEM kien tifel li jqassam lit-tfal l-ohrajn u jorganizza l-loghba. Hu kien jirranga lit-tfal ringiela mal-hajt. Minnhom kien jaghzel ANGLU u XITAN, u jibghathom il-boghod mill-ohrajn biex ma jisimghux x'qed isir, waqt li l-IMGHALLEM jaghti lill-kumplament ta' mal-hajt, ismijiet, ta' PASTURI u ta' qaddisin. L-ismijiet kienu jkunu bhal RGHAJ, GHAGEB, RAHHAL, TAL-HANUT, SANTA ROZA, SAN PAWL, SANT'ANNA, IL-MADALENA, ecc...

L-IMGHALLEM kien umbghad isejjah lill-ANGLU u lix-XITAN biex jaqtghu it-tokk, biex jaraw min jibda l-ewwel, u mbghad kienu jergghu lura l-boghod mill-ohrajn, l-ANGLU lejn il-lemin, ux-XITAN lejn ix-xellug. Jekk jibda l-ANGLU, dan ghandu jigi jigri b-idejh miftuhin bhallikieku gwienah, u flok tifel kienet

tista' tkun tifla, biex ikollha xagharha twil, libsa bajda u xi zoff sabih, ghax l-ANGLU jrid ikollu dehra sabiha. Meta jasal l-ANGLU, l-IMGHALLEM jistaqsieh: "X'pastur trid?" u l-ANGLU jista' jghid: "Il-KUNCIZZJONI"; l-IMGHALLEM jghidlu li m'ghandux, u l-ANGLU jerga' lura. Umbghad jigi ix-XITAN, tifel maghzul biex ikun imqareb, imqanfed, u b'idejh jaghmel is-sinjal tal-qrun ma' rasu, u xi drabi kien idendel xi bicca carruta jew habel taparsi denbu, u fil-waqt li jitkerrah jista' jistaqsi ghad-DEFFIEN; la ma jkunx hemm, jerga lura lejn ix-xellug; jigi mbghad l-ANGLU jista' jistaqsi ghall-SANTA KATARINA, u jekk kumbinazzjoni jkunhemm, jaqbadha min idha, u jehoda mieghu in-naha tal-lemin, jigifieri il-genna. Ix-XITAN jerga' jigi jberraq jistaqsi ghal- SANT'ANNA, izda dlonk jaqbez l-IMGHALLEM u jghidlu li Sant' Anna qeghda l-genna, u min hemm hadd ma jista' johrog; ix-XITAN jitlaq irrabjat. L-ANGLU jistaqsi ghal-MADALENA; l-IMGHALLEM jghidlu li kilox sew, ghax ghandu vara tal-MADALENA, u jehodha mieghu il-genna. Ix-XITAN jigi jistaqsi ghall-BEJJIEGH TAL-HANUT, ghax kien jizen hazin, u hawn it-tfal jidhqu u jwerzqu ghax TAL-HANUT imur lejn l-infern.

Din il-loghba tibqa8 sejra hekk sakemm it-tfal kollha jigu mehuda, jinghaddu kemm hemm fil-genna u kemm hemm fl-ingern, u b'hekk jirbah l-Anglu jew ix-xitan. Din il-loghba kienet tintlghab fit-toroq ta' Hal Tarxien, fejn loghba ohra, u aktar hafifa, izda tixbahha kienet tintlghab ukoll.

Din il-loghba l-ohra kien jisimha KULURI. Minflok jissemmew ghall-pasturi, it-tfal jissemmew ghal-kuluri, u l-ANGLU u x-XITAN jistaqsu ghall-AHMAR, AHDAR, LARINGA, LUMIJA, ISFAR, GRIZ, KANNELLA, u ohrajn. l-IMGHALLEM kien jistaqsi "X'kulur trid?" jew "X'Kulur thobb?". Naturalment ix-XITAN kien ihobb l-ISWED jew l-AHMAR, u kien jiehu mieghu fix-xellug lil-dawk it-tfal li kien ikollhom il-kulur li jitlob. L-istess kien jaghmel l-ANGLU, li aktarx kien jitlob l-ABJAD lewn l-ishab, jew l-IKHAL lewn is-sema, l-ISFAR lewn il-warda tax-xemx, ecc..

U hekk it-tfal ta' qabel it-Tieni Gwerra Mondjali kienu jqattghu l-isbah sieghat flimkien qrib id-dar ta' ommhom.

Imma llum kollox inqata' u baqa biss it-tifkira ta' dan il-loghob bla qerq...

------oOo------

KUMITAT TAL-GHAQDA TAL-FOLKLOR, GHAS-SENA 1982

President: Dr.Charles Cassar, M.D.
Segretarju onorarju: Is-Sur Guido Lanfranco, M.I.Biol.
Assistent Segretarja: Is.Sin'a Jessie Grech, B.A.
Tezorier onorarju: Is.Sur Raf.Bonnici Cali
Assistent Tezorier: Is-Sur Marcel Zammit Marmara'
Membri: Is.Sinjuri J.Buontempo, Angelo Dougall,
Dr.V.M.Pellegrini, u is-Sin'a M.R.Pisani.

------oOo------